

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/129

tat-18 ta' Jannar 2023

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-ażossistrobin, il-prosulfokarb, is-sedassan u l-valifenalat f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi tar-residwi ("MRLs") għall-ażossistrobin, il-prosulfokarb, is-sedassan u l-valifenalat ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Fl-14 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Codex Alimentarius adottat limiti massimi ġodda tar-residwi tal-Codex (CXLs) għall-ażossistrobin fil-gwava u għall-valifenalat fil-basal, fix-xalotti, fit-tadam u fil-brunġiel ⁽²⁾.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, fejn jeżistu standards internazzjonali jew fejn it-tlestija tagħhom tkun imminenti, dawn għandhom jitqiesu fl-iżvilupp jew fl-adattament tal-liġi dwar l-ikel, ħlief fejn dawn l-istandards jew partijiet rilevanti jkunu mezz ineffettiv jew mhux adattat għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi tal-liġi dwar l-ikel, jew fejn ikun hemm ġustifikazzjoni xjentifika, jew fejn dawn jirriżultaw f'livell differenti ta' protezzjoni minn dak stabbilit bħala xieraq fl-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 13(e) ta' dak ir-Regolament, l-Unjoni għandha tippromwovi l-konsistenza bejn l-istandards tekniċi internazzjonali u l-liġi dwar l-ikel filwaqt li tiżgura li l-livell għoli ta' protezzjoni adottat fl-Unjoni ma jitbaxxiex.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ivvalutat is-CXLs proposti għall-ażossistrobin fil-gwava u għall-valifenalat fil-basal, fix-xalotti, fit-tadam u fil-brunġiel u kkonkludiet li dawn huma sikuri għall-konsumaturi fl-Unjoni ⁽⁴⁾. L-Unjoni ma ppreżentax riżervi ⁽⁵⁾ ⁽⁶⁾ lill-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi dwar dawn is-CXLs proposti.
- (5) Għalhekk huwa xieraq li dawn is-CXLs jiġu inklużi fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 bħala MRLs. Fil-qafas tal-evalwazzjoni tas-CXL propost għall-valifenalat fit-tadam, tressqu għadd suffiċjenti ta' provi tar-residwi u l-Awtorità kkonkludiet li din id-*data* kienet biżżejjed għall-użi li qed jiġu kkunsidrati. Għalhekk, huwa xieraq li titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna rispettiva fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 li tenfasizza l-ħtieġa għal *data* addizzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ Rapport tal-44 Sessjoni tal-Kummissjoni Codex Alimentarius (REP21/CAC) https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-701-44%252FFINAL%252520REPORT%252FREp21_CACe.pdf.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtieġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

⁽⁴⁾ Scientific support for preparing an EU position for the 52nd Session of the Codex Committee on Pesticide Residues (CCPR). EFSA Journal 2021;19(8):6766.

⁽⁵⁾ Kummenti tal-Unjoni Ewropea dwar il-Codex CX/PR 21/52/5(REV): https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FCRDs%252Fpr52_CRD22x.pdf.

⁽⁶⁾ Rapport tat-52 laqgħa tal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi REP21/PR: https://www.fao.org/fao-who-codexalimentarius/sh-proxy/en/?lnk=1&url=https%253A%252F%252Fworkspace.fao.org%252Fsites%252Fcodex%252FMeetings%252FCX-718-52%252FREPORT%252FFINAL%252FREp21_PR52e.pdf.

- (6) Għall-ażossistrobin, tressqet applikazzjoni skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 li titlob modifika tal-MRLs eżistenti għaż-żerriegħa tal-lift u għaż-żerriegħa tal-kittien. Rigward il-prosulfokarb, għet sottomessa applikazzjoni bħal din għall-ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittiekl. Fir-rigward tas-sedassan, għet sottomessa applikazzjoni ta' dan it-tip għall-patata.
- (7) F'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, dawk l-applikazzjonijiet kollha għew evalwati mill-Istati Membri kkonċernati u r-rapporti ta' evalwazzjoni ntbagħtu lill-Kummissjoni.
- (8) L-Awtorità vvalutat l-applikazzjonijiet u r-rapporti tal-evalwazzjoni, u eżaminat b'mod partikolari r-riskji għall-konsumatur u, fejn rilevanti, għall-annimali, u tat opinjonijiet raġunati dwar l-MLRs proposti ⁽⁷⁾. Hija baġtet dawk l-opinjonijiet lill-applikanti, lill-Kummissjoni, u lill-Istati Membri, u ppubblikathom.
- (9) Fir-rigward tal-ażossistrobin fiż-żerriegħa tal-kittien, l-Awtorità kkonkludiet li *d-data* sottomessa ma kinitx biżżejjed biex timmodifika l-MRL eżistenti. Għalhekk, mhuwiex xieraq li dak l-MRL jiġi mmodifikat.
- (10) Fir-rigward tal-modifiki l-oħra kollha lill-MRLs mitluba mill-applikanti għall-ażossistrobin, għall-prosulfokarb u għas-sedassan, l-Awtorità kkonkludiet li r-rekwiżiti kolla fir-rigward tal-kompletezza tad-*data* sottomessa għew issodisfati u li, abbażi tal-evalwazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur għal 27 grupp ta' konsumaturi speċifiċi Ewropej, il-modifiki tal-MRLs mitluba mill-applikanti kienu aċċettabbli mil-lat tas-sikurezza tal-konsumatur. B'din il-konklużjoni, l-Awtorità qieset l-aktar *data* reċenti dwar il-proprietajiet tossikoloġiċi tas-sustanzi. La l-esponiment għal dawn is-sustanzi fit-tul permezz tal-konsum tal-prodotti tal-ikel kollha li jista' jkun fihom minnhom, u lanqas l-esponiment għal żmien qasir minħabba l-konsum għoli tal-prodotti rilevanti ma wrew riskju li jinqabżu d-doża aċċettabbli ta' kuljum jew id-doża akuta ta' referenza.
- (11) Fir-rigward tal-prosulfokarb fil-ħxejjex aromatiċi u l-fjuri li jittiekl, fil-qafas tar-rieżami tal-MRLs eżistenti għall-prosulfokarb skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ⁽⁸⁾, l-Awtorità kienet identifikat preċedentement li xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi ma kinitx disponibbli. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 777/2013 ⁽⁹⁾ talab aktar *data* dwar ir-residwi biex jiġi kkonfermat l-MRL tentattiv ta' 0,05 mg/kg għal dik is-sustanza attiva f'dawk il-prodotti. Fil-qafas tal-applikazzjoni l-ġdida li titlob il-modifika tal-MRLs għall-prosulfokarb fil-ħxejjex aromatiċi u l-fjuri li jittiekl, tressqu użi ġodda u provi ġodda tar-residwi u l-Awtorità kkonkludiet li din id-*data* kienet biżżejjed għall-użi li qed jiġu kkunsidrati u biex tappoġġa MRL ogħla ġdid. Għalhekk, huwa xieraq li l-MRL jiġi mmodifikat u li titħassar in-nota f'qiegħ il-paġna rispettiva fir-Regolament (KE) Nru 396/2005 li tenfasizza l-ħtieġa għal *data* addizzjonali.
- (12) Abbażi tar-rapport xjentifiku u tal-opinjonijiet motivati tal-Awtorità, u filwaqt li jitqiesu l-fatturi rilevanti elenkati fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-modifiki proposti lill-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (13) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽⁷⁾ Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA huma disponibbli online: <http://www.efsa.europa.eu>.
Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue levels for azoxystrobin in rapeseeds and linseeds. EFSA Journal 2022;20(1):7051.
Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue levels for prosulfocarb in herbs and edible flowers. EFSA Journal 2022;20(5):7334.
Reasoned Opinion on the modification of the existing maximum residue level for sedaxane in potatoes. EFSA Journal 2022;20(6):7371.

⁽⁸⁾ Ir-rapporti xjentifiċi tal-EFSA huma disponibbli online: <http://www.efsa.europa.eu>.
Opinjoni Motivata: Review of the existing maximum residue levels (MRLs) for prosulfocarb according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005. EFSA Journal 2011; 9(8):2346.

⁽⁹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 777/2013 tat-12 ta' Awwissu 2013 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwu għall-klodinafop, il-klomażon, id-diuron, l-etalfuralin, il-joksamil, l-iprovalikarb, l-idrażid malejka, il-mepanipirim, il-metkonażol, il-prosulfokarb u t-tepraloksidim f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 221, 17.8.2013, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-26 ta' Frar 2023 fir-rigward tal-MRLs proposti kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Jannar 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonna għall-ażossitrobin, il-prosulfokarb, is-sedassan u l-valifenalat huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Ir-residwi ta’ pestiċidi u l-livelli massimi ta’ residwi (mg/kg)

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs (*)	Ażossitrobin	Prosulfokarb	Sedassan (is-somma tal-isomeri)	Valifenalat (R) (A)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0100000	FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR			0,01 *	
0110000	Frott taċ-ċitru	15	0,01 *		0,01 *
0110010	Grejpfrut				
0110020	Larinġ				
0110030	Lumi				
0110040	Xkomp				
0110050	Mandolin				
0110990	Oħrajn (2)				
0120000	Ġewż tas-siġar		0,02 *		0,01 *
0120010	Lewż	0,01			
0120020	Ġewż tal-Brażil	0,01			
0120030	Ġewż tal-anakardju	0,01			
0120040	Qastan	0,01			
0120050	Ġewż tal-Indi	0,01			
0120060	Ġellewż	0,01			
0120070	Macadamia	0,01			
0120080	Ġewż Amerikan	0,01			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu	0,01			
0120100	Pistaċċi	1			
0120110	Ġewż	0,01			
0120990	Oħrajn (2)	0,01			
0130000	Pomu	0,01 *	0,01 *		0,01 *
0130010	Tuffieħ				
0130020	Lanġas				
0130030	Sfarġel				
0130040	Naspli				
0130050	Naspli tal-Ġappun				
0130990	Oħrajn (2)				
0140000	Frott tal-ġhadma	2	0,01 *		0,01 *
0140010	Berquq				
0140020	Ċiras (ħelu)				
0140030	Ħawħ				
0140040	Għanbaqar				
0140990	Oħrajn (2)				
0150000	Kukku u frott żgħir ieħor				
0151000	(a) ġheneb	3	0,01 *		1
0151010	Għeneb tal-mejda				
0151020	Għeneb għall-inbid				
0152000	(b) frawli	10	0,05(+)		0,01 *
0153000	(c) frott tal-kannamiela	5	0,01 *		0,01 *
0153010	Tut				
0153020	Tut salvaġġ				
0153030	Lampun (aħmar u isfar)				
0153990	Oħrajn (2)				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0154000	(d) frott żgħir u kukku oħrajn		0,01 *		0,01 *
0154010	Mirtill	5			
0154020	Cranberries	0,5			
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)	5			
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)	5			
0154050	Warda skoċċiża	5			
0154060	Ċawlsli (iswed u abjad)	5			
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran	5			
0154080	Frott tas-sebuqa	5			
0154990	Oħrajn (2)	5			
0160000	Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:		0,01 *		0,01 *
0161000	(a) b'qoxra li tittiekkel				
0161010	Tamal	0,01 *			
0161020	Tin	0,01 *			
0161030	Żebbuġ tal-mejda	0,01 *			
0161040	Larinġ tal-qsari	0,01 *			
0161050	Karambola	0,1			
0161060	Kaki	0,01 *			
0161070	Għanbaqar ta' Ġava	0,01 *			
0161990	Oħrajn (2)	0,01 *			
0162000	(b) b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir				
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)	0,01 *			
0162020	Liċċi	0,01 *			
0162030	Frott tal-passjoni	4			
0162040	Bajtar tax-xewk	0,3			
0162050	Tuffieħ stilla	0,01 *			
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja	0,01 *			
0162990	Oħrajn (2)	0,01 *			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0163000	(c) b'qoxra li ma tittikilx, u kbir				
0163010	Avokado	0,01 *			
0163020	Banana	2			
0163030	Mango	4			
0163040	Papaja	0,3			
0163050	Rummien	0,01 *			
0163060	Ċerimoja	0,01 *			
0163070	Gwava	0,2			
0163080	Ananas	0,01 *			
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż	0,01 *			
0163100	Durian	0,01 *			
0163110	Il-frotta tal-annona	0,01 *			
0163990	Oħrajn (2)	0,01 *			
0200000	ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT				
0210000	Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi				0,01 *
0211000	(a) patata	7	0,01 *	0,15	
0212000	(b) ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi	1	0,01 *	0,01 *	
0212010	Għeruq tal-kassava				
0212020	Patata ħelwa				
0212030	Jammijiet				
0212040	Ararut				
0212990	Oħrajn (2)				
0213000	(c) ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa			0,01 *	
0213010	Pitravi	1	0,01 *		
0213020	Zunnarija	1	1(+)		
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi	1	0,08(+)		
0213040	Għeruq tal-mustarda	1	0,08(+)		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0213050	Artiċokks	1	0,01 *		
0213060	Zunnarija bajda	1	0,08(+)		
0213070	Tursin ta' Hamburg	1	0,08(+)		
0213080	Ravanell	1,5	0,01 *		
0213090	Leħjet il-bodbod	1	0,08(+)		
0213100	Swedes	1	0,01 *		
0213110	Lift	1	0,01 *		
0213990	Oħrajn (2)	1	0,01 *		
0220000	Ħxejjex tal-basla	10		0,01 *	
0220010	Tewm		0,01 *		0,01 *
0220020	Basal		0,03		0,5
0220030	Xalotti		0,03		0,5
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales		0,02		0,01 *
0220990	Oħrajn (2)		0,01 *		0,01 *
0230000	Ħxejjex tal-frott		0,01 *	0,01 *	
0231000	(a) Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-Solanaceae u tal-familja tal-Malvaceae	3			
0231010	Tadam				0,4
0231020	Bżar ħelu				0,01 *
0231030	Brunġiel				0,4
0231040	Bamja				0,01 *
0231990	Oħrajn (2)				0,01 *
0232000	(b) kukurbiti b'qoxra li tittiekel	1			0,01 *
0232010	Ħjar				
0232020	Ħjar tal-pikles				
0232030	Zukkini				
0232990	Oħrajn (2)				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0233000	(c) kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx	1			0,01 *
0233010	Bettieħ				
0233020	Qara' aħmar				
0233030	Dulliegħ				
0233990	Oħrajn (2)				
0234000	(d) qamħirrum ħelu	0,01 *			0,01 *
0239000	(e) ħxejjex tal-frott oħrajn	0,01 *			0,01 *
0240000	Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)		0,01 *	0,01 *	0,01 *
0241000	(a) Brassika li tagħmel il-fjuri	5			
0241010	Brokkli				
0241020	Pastard				
0241990	Oħrajn (2)				
0242000	(b) kaboċċi kkapoċċati	5			
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk				
0242020	Kaboċċa kkapoċċati				
0242990	Oħrajn (2)				
0243000	(c) brassika bil-weraq	6			
0243010	Kaboċċi Ċiniżi				
0243020	Kaboċċi ("kales")				
0243990	Oħrajn (2)				
0244000	(d) ġdur	5			
0250000	Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu				
0251000	(a) ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata	10	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0251010	ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ				
0251020	ħass				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin				
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn				
0251050	Krexxuni tal-art				
0251060	Aruka				
0251070	Mustarda ħamra				
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)				
0251990	Oħrajn (2)				
0252000	(b) spinaċi u weraq simili	15	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0252010	Spinaċi				
0252020	Burdlieq				
0252030	Weraq tas-selq				
0252990	Oħrajn (2)				
0253000	(c) weraq tad-dwieli u speċijiet simili	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0254000	(d) krexxuni	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0255000	(e) ċikwejra	0,3	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0256000	(f) ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu	70	20	0,02 *	0,02 *
0256010	Maxxita				
0256020	Kurrat selvaġġ				
0256030	Weraq tal-karfus				
0256040	Tursin				
0256050	Salvja				
0256060	Klin				
0256070	Timu				
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu				
0256090	Weraq tar-rand				
0256100	Stregun				
0256990	Oħrajn (2)				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0260000	Legumi	3	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0260010	Fażola (bl-imżiewed)				
0260020	Fażola (bla mżiewed)				
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)				
0260040	Piżelli (bla mżiewed)				
0260050	Għads				
0260990	Oħrajn (2)				
0270000	Ħxejjex biz-zokk			0,01 *	0,01 *
0270010	Spraġ	0,01 *	0,01 *		
0270020	Kardun	15	0,01 *		
0270030	Krafes	15	1,5(+)		
0270040	Bużbież ta' Firenze	10	0,01 *		
0270050	Qaqoċċ	5	0,01 *		
0270060	Kurrat	10	0,01 *		
0270070	Rabarbru	0,6	0,01 *		
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu	0,01 *	0,01 *		
0270090	Qlub tal-palm	0,01 *	0,01 *		
0270990	Oħrajn (2)	0,01 *	0,01 *		
0280000	Faqqiegħ, ħażiż u likeni	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0280010	Faqqiegħ ikkultivat				
0280020	Faqqiegħ salvaġġ				
0280990	Ħażiż u likeni				
0290000	Alka u organiżmi prokarjoti	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0300000	BUS U ĦEMES	0,15	0,01 *	0,01 *	0,01 *
0300010	Fażola				
0300020	Għads				
0300030	Piżelli				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0300040	Lupini/fażola tal-lupini				
0300990	Oħrajn (2)				
0400000	ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT		0,02 *	0,01 *	0,01 *
0401000	Żrieragħ taż-żejt				
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,4			
0401020	Karawett	0,2			
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,5			
0401040	Ġulġien	0,01 *			
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,5			
0401060	Żerriegħa tal-lift	0,7			
0401070	Fażola tas-sojja	0,5			
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,5			
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,7			
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	0,01 *			
0401110	Żrieragħ tal-ġhosfor	0,4			
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,4			
0401130	Żerriegħa tal- <i>camelina sativa</i>	0,5			
0401140	Qannebusa	0,01 *			
0401150	Fażola tar-riġnu	0,01 *			
0401990	Oħrajn (2)	0,01 *			
0402000	Frott taż-żejt				
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt	0,01 *			
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt	0,01 *			
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt	0,03			
0402040	Kapok	0,01 *			
0402990	Oħrajn (2)	0,01 *			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0500000	ĊEREALI		0,01 *	0,01 *	0,01 *
0500010	Xgħir	1,5			
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn	0,01 *			
0500030	Qamħirrum	0,02			
0500040	Millieġ komuni	0,01 *			
0500050	Ħafur	1,5			
0500060	Ross	5			
0500070	Segala	0,5			
0500080	Sorgu	10			
0500090	Qamħ	0,5			
0500990	Oħrajn (2)	0,01 *			
0600000	TEJJET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB			0,05 *	0,05 *
0610000	Tejjiet	0,05 *	0,05 *		
0620000	Kafeni	0,03	0,05 *		
0630000	Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:				
0631000	(a) mill-fjuri	60	2		
0631010	Kamumella				
0631020	Ibisku				
0631030	Ward				
0631040	Ġiżimin				
0631050	Tilju				
0631990	Oħrajn (2)				
0632000	(b) mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi	60	2		
0632010	Frawla				
0632020	Rooibos				
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj				
0632990	Oħrajn (2)				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0633000	(c) mill-għeruq	0,3	0,05 *		
0633010	Valerjana				
0633020	Ġinseng				
0633990	Oħrajn (2)				
0639000	(d) minn kull parti oħra tal-pjanta	0,05 *	0,05 *		
0640000	Żerriegħa tal-Kawkaw	0,05 *	0,05 *		
0650000	Ħarrub	0,05 *	0,05 *		
0700000	HOPS	30	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0800000	ĦWAWAR				
0810000	Ħwawar taż-żerriegħa	0,3	0,3(+)	0,05 *	0,05 *
0810010	Ħlewwa		(+)		
0810020	Kemmun iswed		(+)		
0810030	Karfus		(+)		
0810040	Kosbor		(+)		
0810050	Kemmun		(+)		
0810060	Xibt		(+)		
0810070	Bużbież		(+)		
0810080	Fienu		(+)		
0810090	Noċemuskata		(+)		
0810990	Oħrajn (2)		(+)		
0820000	Ħwawar tal-frott	0,3	0,3(+)	0,05 *	0,05 *
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment		(+)		
0820020	Bżar tas-Sichuan		(+)		
0820030	Karwija		(+)		
0820040	Kardamomu		(+)		
0820050	Frott tal-ġnibru		(+)		
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)		(+)		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
0820070	Vanilja		(+)		
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi		(+)		
0820990	Oħrajn (2)		(+)		
0830000	Ħwawar tal-qoxra tas-siġar	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0830010	Kannella				
0830990	Oħrajn (2)				
0840000	Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi				
0840010	Għud is-sus	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0840020	Ġiġer (10)				
0840030	Żaġħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0840040	Għerq tal-mustarda (11)				
0840990	Oħrajn (2)	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0850000	Ħwawar tal-blanzuni	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0850010	Imsiemer tal-qronfol				
0850020	Kappar				
0850990	Oħrajn (2)				
0860000	Il-ħwawar ta' qalb il-fjura	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0860010	Żaġħfran				
0860990	Oħrajn (2)				
0870000	Ħwawar tal-aril	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata				
0870990	Oħrajn (2)				
0900000	PJANTI TAZ-ZOKKOR		0,01 *	0,01 *	0,01 *
0900010	Pitravi ħelu	5			
0900020	Kannamieli	0,05			
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra	0,09			
0900990	Oħrajn (2)	0,01 *			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1000000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI				
1010000	Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:		0,01 *	0,01 *	0,03 *
1011000	(a) mill-ħnieżer				
1011010	Muskoli	0,01 *(+)			
1011020	Xaħam	0,05(+)			
1011030	Fwied	0,07(+)			
1011040	Kliewi	0,07(+)			
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07(+)			
1011990	Oħrajn (2)	0,01 *(+)			
1012000	(b) mill-annimali bovini				
1012010	Muskoli	0,01 *(+)			
1012020	Xaħam	0,05(+)			
1012030	Fwied	0,07(+)			
1012040	Kliewi	0,07(+)			
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07(+)			
1012990	Oħrajn (2)	0,01 *(+)			
1013000	(c) min-nagħaġ				
1013010	Muskoli	0,01 *(+)			
1013020	Xaħam	0,05(+)			
1013030	Fwied	0,07(+)			
1013040	Kliewi	0,07(+)			
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07(+)			
1013990	Oħrajn (2)	0,01 *(+)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1014000	(d) mill-mogħoż				
1014010	Muskoli	0,01 *(+)			
1014020	Xaħam	0,05(+)			
1014030	Fwied	0,07(+)			
1014040	Kliewi	0,07(+)			
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07(+)			
1014990	Oħrajn (2)	0,01 *(+)			
1015000	(e) mill-ekwini				
1015010	Muskoli	0,01 *			
1015020	Xaħam	0,05			
1015030	Fwied	0,07			
1015040	Kliewi	0,07			
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07			
1015990	Oħrajn (2)	0,01 *			
1016000	(f) mill-pollam	0,01 *(+)			
1016010	Muskoli	(+)			
1016020	Xaħam	(+)			
1016030	Fwied	(+)			
1016040	Kliewi	(+)			
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)	(+)			
1016990	Oħrajn (2)	(+)			
1017000	(g) minn animali terrestri mrobbijin oħrajn				
1017010	Muskoli	0,01 *			
1017020	Xaħam	0,05			
1017030	Fwied	0,07			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
1017040	Kliewi	0,07			
1017050	Ġewwieni li jittiekol (minbarra l-fwied u l-kliewi)	0,07			
1017990	Oħrajn (2)	0,01 *			
1020000	Ħalib	0,01 *(+)	0,01 *	0,01 *	0,03 *
1020010	Bhejjem tal-ifrat	(+)			
1020020	Nagħaġ	(+)			
1020030	Mogħoż	(+)			
1020040	Żwiemel	(+)			
1020990	Oħrajn (2)	(+)			
1030000	Bajd tal-ġhasafar	0,01 *(+)	0,01 *	0,01 *	0,03 *
1030010	Tiġieġ	(+)			
1030020	Papri	(+)			
1030030	Wiżż	(+)			
1030040	Summien	(+)			
1030990	Oħrajn (2)	(+)			
1040000	Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)	0,05 *	0,05 *	0,05 *	0,05 *
1050000	Amfibji u Rettili	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,03 *
1060000	Annimali terrestri invertebrati	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,03 *
1070000	Annimali vertebrati terrestri slavaġ	0,01 *	0,01 *	0,01 *	0,03 *
1100000	PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)				
1200000	PRODOTTI JEW PARTIJET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)				
1300000	PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)				

* Jindika limitu minimu ta' kwantifikazzjoni analitika

(^e) Għal-lista sħiħa tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li japplikaw l-MRLs għalihom, għandha ssir referenza għall-Anness I

Azossistrobin

L-Awtorit  Ewropea dwar is-Sigurt  fl-lkel identifikat xi informazzjoni dwar it-tossicit  tal-metaboliti bħala mhux disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tkun ġiet sottomessa sal-5 ta' Awwissu 2024, jew jekk dik l-informazzjoni ma tkunx ġiet sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

1011000 (a) mill-ħnieżer

1011010 Muskoli

1011020 Xaħam

1011030 Fwied

1011040 Kliewi

1011050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1011990 Oħrajn (2)

1012000 (b) mill-annimali bovini

1012010 Muskoli

1012020 Xaħam

1012030 Fwied

1012040 Kliewi

1012050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1012990 Oħrajn (2)

1013000 (c) min-nagħaġ

1013010 Muskoli

1013020 Xaħam

1013030 Fwied

1013040 Kliewi

1013050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1013990 Oħrajn (2)

1014000 (d) mill-mogħoż

1014010 Muskoli

1014020 Xaħam

1014030 Fwied

1014040 Kliewi

1014050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1014990 Oħrajn (2)

1016000 (f) mill-pollam

1016010 Muskoli

1016020 Xaħam

1016030 Fwied

1016040 Kliewi

1016050 Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)

1016990 Oħrajn (2)

1020000 Ħalib

1020010 Bhejjem tal-ifrat

1020020 Nagħaġ

1020030 Mogħoż

1020040 Żwiemel

1020990 Oħrajn (2)

1030000 Bajd tal-għasafar
1030010 Tiġieġ
1030020 Papri
1030030 Wiżż
1030040 Summien
1030990 Oħrajn (2)

Prosulfokarb

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi informazzjoni dwar il-metodi analitiċi li mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tiġi sottomessa sas-17 ta' Awwissu 2015, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0810000 Ħwawar taż-żerriegħa
0810010 Ħlewwa
0810020 Kemmun iswed
0810030 Karfus
0810040 Kosbor
0810050 Kemmun
0810060 Xibt
0810070 Bużbież
0810080 Fienu
0810090 Noċemuskata
0810990 Oħrajn (2)
0820000 Ħwawar tal-frott
0820010 Bżar tal-Ġamajka/piment
0820020 Bżar tas-Sichuan
0820030 Karwija
0820040 Kardamomu
0820050 Frott tal-ġnibru
0820060 Boċċi tal-bżar (suwed hodur u bojod)
0820070 Vanilja
0820080 Tamar tal-Indja/tamarindi
0820990 Oħrajn (2)

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel identifikat xi nuqqas ta' informazzjoni dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel. Meta tkun qed tirrieżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tiġi sottomessa sas-17 ta' Awwissu 2015, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

021 3020 Karrotti
021 3030 Celeriac/krafes bl-għeruq
021 3040 Għeruq tal-mustarda
021 3060 Zunnarija bajda
021 3070 Tursin ta' Hamburg
021 3090 Leħjet il-bodbod
0270030 Krafes

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-lkel identifikat xi informazzjoni dwar il-provi tar-residwi li mhijiex disponibbli. Meta tkun qed tirreżamina l-MRL, il-Kummissjoni se tqis l-informazzjoni msemmija fl-ewwel sentenza jekk tiġi sottomessa sas-17 ta' Awwissu 2015, u, jekk dik l-informazzjoni ma tiġix sottomessa sa dik id-data, se tieħu kont tan-nuqqas tagħha.

0152000 (b) frawli

Valifenalat (R) (A)

(R) Id-definizzjoni tar-residwi tvarja għall-kombinazzjonijiet li ġejjin ta' pestiċida u numru tal-kodiċi: Valifenalat -kodiċi 1000000 għajr 1040000: Valifenalat u aċidu valifenalat (IR5839)

(A) Il-laboratorji ta' referenza tal-UE identifikaw li l-istandard ta' referenza għall-aċidu valifenalat (IR5839) mhux disponibbli kummerċjalment. Meta tkun qed tirrevedi l-MRL, il-Kummissjoni se tqis id-disponibbiltà kummerċjali tal-istandard ta' referenza msemmi fl-ewwel sentenza sat-2 ta' Awwissu 2023, jew, jekk dak l-istandard ta' referenza ma jkunx disponibbli kummerċjalment sa dik id-data, in-nuqqas tiegħu."
